# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 11 ta' Lulju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 78 / 17RGM

Kawza fil-lista: 24

**O T**
**vs**
**G T f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E u F R ahwa T kif nominata b'digriet tas-6 ta' April 2017; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrent u l-konvenuta G T zzewgu nhar it-tmienja ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (08.09.2010);

2. Illi matul z-zwieg taghhom, u cioe' nhar l-erbgha ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (04.11.2012) twieldu zewg ulied tewmin, F R u E ahwa T;

3. Illi recentement, nibet fl-esponent dubju serju dwar il-paternita' taz-zewg minuri li twieldu matul iz-zwieg tal-partijiet;

4. Illi kien ghalhekk illi huwa, flimkien ma' martu u z-zewg minuri, ssottomettew rwiehhom ghat-testijiet genetici, li effettivament ikkonfermaw id-dubju tal-esponent u cioe` li z-zewg minuri m'humiex l-ulied bijologici tieghu u dan skont iz zewg rapporti;

5. Illi ghalhekk l-esponent ghandu interess illi jipprosegwi b'kawza ad hoc biex iz-zewg minuri ma jibqghux maghrufa bhala uliedu u jsiru l-korrezzjonijiet necessarji fic-certifikat tat-twelid tal-istess;

6. Illi stante t-trapass tas-sitt xhur mit-twelid taz-zewg minuri, l-esponent ipprosegwa b'rikors ai terminu tal-artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta u b'digrit tat-tnejn u ghoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (22.03.2017), gie awtorizzat jipprosegwi f'din l-istanza;

Jghidu ghalhekk l-intimati, ghaliex m'ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddeciedi u tiddlikjara illi r-rikorrent mhux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri E u F R, ahwa T, li twieldu nhar l-erbgha ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (04.11.2012);

2. Konsegwentement tordna li jithassru d-dettalji tar-rikorrent mill-kolonna "isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" mic-certifikati tat-twelid tal-minuri E u F R u jigu sostitwiti bil-kliem "missier mhur maghruf';

3. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel dawk il-korrezzjonijiet mehtiega fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri u dan ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi.

4. Tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, jekk ikun il-kaz, jaffettwa l-korrezzjonijiet opportuni f'kull att iehor relattiv u sussegwenti ghall-imsemmija certifikati tat-twelid;

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma minn issa ingunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, in limite litis gialadarba din il-kawza qieghda ssir bejn genitur u minuri hemm il-bzonn li jigi mahtur kuratur ad litem, hekk kif jitolbu l-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi preliminarjament ukoll, l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi migjuba u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi bla hsara ghall-premess, peress li din il-kawza trattasi 'denegata paternita ', ir-rikorrent jehtieglu jipprova u jissodisfa ta' lanqas wahda mic-cirkostanzi li hemm imsemmija fl-Artikolu 70 (l) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan l-ghan, l-attur esebixxa r-rapporti ta' testijiet genetici ai termini tal-Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li jindikaw li huwa mhuwiex il-missier naturali tal-minuri E u F R T. Dan ir-rapport jonqos li jigi mahluf mit-tekniku Dr. Marisa Cassar;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrent irid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat ta' l-ahwa E u F R ma jaqbilx mal-att tat-twelid taghhom;

6. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghall-premess, jekk jintlaqghu t-talbiet tar-rikorrent, l-esponent xorta wahda jhoss li huwa fl-ahjar interess tal-minuri E u F R T, illi l-intimata G T tispedifika min huwa l-isem ezatt tal-missier naturali halli b'hekk dan ikun jista' jigi msejjah fil-kawza anke bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 149 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Di fatti huwa opportun u xieraq li l-minuri E u F R, tal-inqas ghandhom jkunu jafu min huwa l-missier naturali taghhom;

7. Illi bla hsara ghas-suespost f’kaz li tintlaqa' is-sitt eccezzjoni ta' l-esponent, l-esponent jinvita lill-missier naturali tal-minuri E u F R sabiex permezz ta' nota jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu, senjatament (l) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-identita`, (3) l-eta` tieghu meta twieledu il-minuri E u F R T (4) il-post tat-twelid tieghu, (5) il-post ta' residenza tieghu meta twieldu l-imsemmijin minuri, (6) isem u kunjom ta' missierhom u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu l-ahwa tewmin E u F R T. Tali informazzjoni hija mehtiega biex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti l-ahwa tewmin E u F R bin-numri ta' registrazzjoni 5407 u 5408 tas-sena 2012;

8. Illi bla pregudizzju ghas-suespost fil-kaz illi tintlaqa' s-sitt' eccezzjoni tar-rikorrent il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minuri E u F R Debattistra a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

9. Illi f’kaz 1i din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent, il-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel 1-isem O T. senjatament fil-kompartiment fejn hemm indikat it-taghrif fuq l-omm, ghandhom jigu kkancellati mill-Atti tat-twelid bin-numri 5407 u 5408 tas-sena 2012;

10. Illi fir-raba' talba ir-rikorrent ma specifikax ghal liema atti huwa qed jirreferi skont kif jitlob l-Artiklu 253(3) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta li jobbliga lir-rikorrent jindika fuq liema atti huwa jrid li jsiru l-bidliet;

11. Illi finalment, dejjem minghajr pregudizzju ghal fuq espost, l-esponent jissotometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tieghu u ghaldaqstant huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenuta debitament notifikata bir-rikors guramentat ma pprezentatx risposta guramentata ghalkemm attendiet ghas-seduti quddiem il-qorti.

Rat in-nota tal-attur ipprezentata fl-1 ta’ Gunju 2017;

Rat l-atti;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Mill-atti jirrizulta illi l-attur u l-konvenuta T izzewgu fit-8 ta’ Settembru 2010 u fl-4 ta’ Novembru 2012 kellhom tewmin. Recentement nibet fl-attur dubju dwar jekk kienx verament il-missier bijologiku taz-zewg minuri u bi qbil mal-konvenuta inkarigaw lil Dr Marisa Cassar sabiex taghmel it-tests tad-DNA taghhom u taz-zewg minuri. Fl-24 ta’ Marzu 2016 Dr Cassar irrilaxxjat rapport xjentifiku tad-DNA fejn iccertifikat illi l-attur ma hux il-missier bijologiku taz-zewg minuri fuq imsemmija.

Il-kontenut tar-rapport gie accettat miz-zewg genituri tant illi l-konvenuta ma hiex qed tikkontestah.

Fis-seduta quddiem il-Qorti il-konvenuta T;

In tema legali ghandu jinghad illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq l-**Artikolu 70 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malt**a li jipprovdi kif gej:-

*(1) Ir-raġel jista’ jiċħad li jagħraf it-tifel imnissel matul iż-żwieġ* -

- *Omissis* -

*(d) jekk jipprova li fiż-żmien hawn fuq imsemmi martu kienet għamlet adulterju jew kienet ħbiet it-tqala u t-twelid tat-tarbija, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor (li jista' wkoll ikun testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi) li x'aktarx jeskludu dik il-paternità.*

Ikkunsidrat;

Il-kawza odjerna hija kawza hekk imsejha ta' "denegata paternita'" fejn il-konjugi tal-omm jipprocedi gudizzjarment kontra martu halli jigi dikjarat li ma hux il-missier bijologiku tal-wild ta' martu imwieled fiz-zwieg.

Fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu l-attur ikkonferma li t-testijiet tad-DNA saru bi qbil flimkien ma' martu. Martu ma kkontestatx ir-riziultati xjentifici u ghalhekk hija effettivament kienet qed tikkonferma s-suspett ta' zewgha li hija kienet ikkommettiet adulterju.

L-Eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku.

L-ewwel eccezzjoni tad-Direttur giet irtirata wara li l-avviz kontemplat fl-Artikolu 254 tal-Kap. 16 gie ppubbikat.

It-tieni eccezzjoni tad-Direttur giet irtirata wara li b'digriet tas-6 ta' April 2017 il-konvenuta giet nominate kuratrici ad litem taz-zewg ulied minuri.

Dwar ir-raba eccezzjoni il-Qorti tqis il-prova bil-mezz tat-test tad-DNA illi dak rikjest bl-artikolu 70 (1) (d) tal-Kap. 16 gie sodisfacentement ippruvat.

Dwar il-hames eccezzjoni irrizulta illi appena gie stabbilit xjentifikament illi l-attur ma hux il-missier taz-zewg minuri, l-attur ma baqax jikkonsidrhom bhala uliedu tant li l-kuntatt maz-zewg itfal mal-attur prattikament illum spicca.

Il-Qorti hija sodisfatta mill-provi mressqa li l-attur ma hux il-missier bijologiku taz-zewg minuri u li t-talbiet attrici jisthoqq li jigu akkolti.

Decide.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur bil-mod kif hawn deciz, u fil-kontumacja tal-konvenuta,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara illi l-attur ma hux il-missier naturali u bijologiku tal-minuri E u F R, ahwa T, tewmin li twieldu t-tnejn fl-4 ta' Novembru 2012.

2. Tilqa’ t-tieni talba attrici u tordna li mill-atti tat-twelid taz-zewg minuri jigu kancellati l-isem, il-kunjom u l-konnotati kollha tal-attur, kif ukoll il-kliem “the said”, u minflok jigu inseriti l-kliem “missier mhux maghruf”.

3. Tilqa’ t-tielet u r-raba’ talba attrici.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta G T.

**Imhallef** **Deputat Registratur**